MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-5 ta' Gunju, 2013

Avviz Numru. 350/2012

**Fl-atti tal-Ittra Ufficjali Nru: 2421/2012**

**Direttur ghas-Servizzi Korporattivi, Ministeru ghall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni**

**vs**

**Patrick Xuereb**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta’ Patrick Xuerebipprezentat fir-Registru ta’ din il-Qorti nhar it-18 ta’ Ottubru 2012 fejn espona:

“*Illi l-mittenti gie notifikat bl-ittra ufficcjali ai termini ta’ l-artikolu 466 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta numru 2421/2012 u entro l-ghoxrin (20) gurnata mid-data tan-notifika, ai termini tal-artikolu 466 (2) tal-Kap 12 tal-ligijiet ta’ Malta qieghed jopponi ghal din l-ittra ufficcjali.*

*Illi l-mittenti jichad it-talbiet kollha attrici bhala infondati fil-fatt u fid-dritt u dan ghas-segwenti ragunijiet:-*

*i. Illi fl-ewwel lok, kif jixhed l-artikolu 49 tal-kap 418 tal-ligijiet ta' Malta, minghajr pregudizzju dwar il-mertu meta l-Awtorita' tkun trid tirkupra dejn dovut lill-Awtorita', l-Awtorita' ghandha timxi taht id-disposizjonijiet ta' l-istess Artikolu 49 tal-kap 418 tal-ligijiet ta' Malta*.

*Illi huwa principju sancit li lex specialis derogat lex generalis u ghaldaqstant, il-proceduri li hadet l-Awtorita' ai termini tal-artikolu 466 tal-kap 12 tal-ligijiet ta' Malta huma nulli u bla effett.*

*ii. Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghall-ewwel punt (i) kif jidher mill-istess Dok B, anness mal-ittra ufficcjali 2421/2012 l-imsemmija licenzja ghalqet fil-31 ta' Lulju 2003, u ghalhekk il-pretensjoni tad-Direttur ghas-Servizzi Korporattivi, li qed jitlob hlas ghas-snin bejn l-2003 u l-2012 hija infondata fil-fatt u fid-dritt, ghaliex effettivament fis-snin indikati i.e bejn l-2003 u l-2012 il-mittenti ma kellu l-ebda licenzja.*

*Illi in fatti jigi umilment sottmess illi l-mittenti ilu ma juzax din il-licenzja in kwistjoni sa mis-sena 2004 u dan anke wara li dak iz-zmien il-mittenti kien informa lid-Dipartiment li huwa ma riedx jibqa' jibbenefika mill-licenzja in kwisjtoni.*

*iii. Illi jsegwi ghalhekk fit-tielet lok, u strettament minghajr pregudizzju dwar il-mertu, illi stante li kwalunkwe dejn dovut jista' biss kien dovut ghall-allegat arretrati tas-sena 2003-2004, ghaldaqstant ai termini tal-artikolu 49(5) tal-Att dwar l-Awtorita' ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni, l-azzjoni li qed tigi prezentata mid-Direttur ghas-Servizzi Korporattivi hija preskritta. Kif jghid l-istess sub artikolu citat, kull dejn dovut lill-Awtorita' jaqa' preskritt wara terminu ta' hames snin.*

*iv. Illi kif diga' gie accennat supra, il-mittenti umilment jissottometti illi r-radios relatati mal-licenzja odjerna ilhom mitlufin sa mill-2004 meta kienu qed jintuzaw fuq xoghol ta' kostruzzjoni. Sussegwentement, il-*

*mittenti kien informa lill-Awtorita' li dawn ir-*radios *ma ghadhomx jintuzaw u li konsegwentement huwa ried jittermina l-licenzja tieghu. Il-mittenti jiftakar illi huwa kien mar gewwa bini l-Belt Valletta, hdejn l-Evans Building, u kien informa lil xi hadd koncernat bl-istess.*

*v. Salv kull eccezzjoni ulterjuri li tista' titqajjem aktar 'l quddiem fit-trattazzjoni orali ta' dan ir-rikors.*

*Ghaldaqstant fid-dawl tal-premess il-mittenti umilment jitlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti tiddikjara t-talba attrici bhala infondata."*

Rat ir-risposta tad-Direttur intimatipprezentata fir-Registru ta' din il-Qorti nhar l-1 ta' Novembru 2012 fejn eccepixxa:

"*Illi permezz ta' rikors 350/2012 ir-rikorrenti qieghed jitlob lil din l-Onorabbli Qorti tiddikjara t-talba ta' l-esponenti ghal-hlas tas-somma ta' tmien mija u erbatax-il euro u zewg centesmi (€814.02) li saret fil-konfront tieghu bhala wahda infondata fil-fatt u fid-dritt.*

*Illi fl-ewwel lok l-esponenti jichad l-ewwel eccezzjoni ta' lex specjalis derogat generalis stante li l-azzjoni odjerna permezz ta' l-ittra ufficcjali in kontestazzjoni mhix qed issir mill-Awtorita' ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni a tenur tal-Kapitolu 418 imma qed issir mid-Direttur ghas-Servizzi Korporattivi fil-Ministeru ghall-Infrasturttura, Transport u Komunikazzjoni bis-sahha tal-provedimenti tal-ligi kif ser jigi spjegat aktar' l isfel.*

*Illi fit-tieni lok id-Direttur ghas-Servizzi Korporattivi jagixxi bis-sahha ta' Att XII 2010 li fost l-ohrajn fl-artikolu 2(3) tieghu jghid li 'Minkejja d-disposizzjonijiet l-ohra ta' dan l-artikolu, l-Att dwar ir-radjokomunikazzjoni ghandu jibqa' fis-sehh ghall-fini ta' kull procediment mibdi jew li ghad jrid jinbeda dwar kull ksur ta' dak l-Att jew ta' kull regolament maghmulin tahtu meta jidhol fis-sehh dan l-artikolu' u ntavola l-ittra ufficcjali 2421/2012 fl-ismijiet premessi korettament taht l-artikolu 466 tal-Kap 12 bil-ghan li jigbor l-flejjes dovuti lil Gvern ta' Malta.*

*Illi fit-tielet lok u minghar pregudizzju li l-imemmija licenzja WT/2520/2001 ghalqet fil-31 ta' Lulju 2003 mhuwiex ta' preguidzzju ghad-Direttur ghas-Servizzi Korporattivi. Infatti l-licenzja kienet taghlaq kull sena biex wara tigi imgedda u ghalhekk il-pretensjoni tad-Direttur Ghas-Servizzi Korporattivi li qed jitlob hlas ghas-snin bejn l-2003 u l-2012 hija gusta ghaliex ir-rikorrenti qatt ma kien spussessat mill-licenjza tieghu bejn dawn is-snin. F'dan ir-rigward l-artikolu 3 (1) tal-Att dwar ir-Radjokomunikazzjoni Kap 49 kien jghid li 'bla hsara ghad-disposizzjonijiet tas-sub artikolu (II) ebda persuna m'ghandha minghajr ma jkollha licenzja individwali moghtija bil-miktub mill-Ministru taghmel, tixtri, tbiegh jew ikollha fil-pussess taghha jew taht il-kontroll taghha ebda apparat.'*

*Illi fir-raba' lok l-esponenti jopponi l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ta' hames snin hekk kif kwotata mir-rikorrenti taht l-artikolu 49(5) tal-Att dwar l-Awtorita' ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni stante li l-azzjoni odjerna permezz tal-ittra ufficcjali in kontestazzjoni mhix qed issir mill-Awtorita' ta' Malta dwar il-komunikazzjoni a tenur tal-Kap 418 imma qed issir mid-Direttur ghas-Servizzi Korporattivi fil-Ministeru ghall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni bis-sahha tal-provedimenti tal-ligi kif spjegat hawn fuq.*

*Illi il-Unit tal-licenzjar tat-televizjoni li taqa' taht id-Direttorat ghas-Servizzi Korporattivi ma kienitx taf li r-radios tar-rikorrent kienu allegatament mitlufin. Kien biss dan l-ahhar fit-28 ta' Settembru 2012 wara li nbaghtet ittra ufficcjali li r-rikorrenti cempel fl-imsemmija Unit u tahom il-verzjoni li r-radios intilfu meta kienu jintuzaw fuq xoghol ta' kostruzzjoni.*

*Ir-rikorrenti jallega li kien informa lill-Awtorita' illi r-radios relatati mal-licenzja ma ghadhomx jintuzaw u li konsegwentement huwa ried jittermina l-licenjza tieghu. Izda f'kazijiet bhal dawn l-Awtorita' kienet taghti gurament lil min kienet tghajjat il-licenzja biex kemm jista' jkun tassigura il-veracita' tal-fatti allegatament akkaduti. Ir-rikorrenti ma jsemmi xejn minn dan.*

*Illi di piu' mill-2010 lil hawn ir-Radjokomunikazzjoni bdiet taqa' taht l-Att biex jirregola Komunikazzjonijiet Elettronici Kap 399 li ma jesigix licenzja ghall-pussess tal-apparat ta' radjokomunikazzjoni izda li jesigi licenzja ghall-installazzjoni jew uzu ta' apparat ta' radjokomunikazzjoni (artikolu 32). Ir-rikorrenti kien gie avzat b'dan permezz ta' ittra indirizzata lilu u datata 3 ta' Jannar 2012 u baqa' m'ghamel l-ebda komunikazzjoni/dikjarazzjoni jew affidavit lill-Awtorita' sabiex iwaqqaf l-uzu jew l-installazzjoni tal-apparat tar-radjokomunikazzjoni – Dok A.*

*Ghaldaqstant u fid-dawl tas-suespost l-esponenti jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tikkonferma t-talba tal-esponenti fl-ittra ufficcjali 2421/2012 ghall-hlas tas-somma tmien mija u erbatax-il ewro u zewg centesmi (€814.02) u sabiex tichad it-talbiet tar-rikorrenti bl-ispejjez kontra tieghu – Dok B."*

Rat dak li gie verbalizzat fl-Awla nhar il-5 ta' Dicembru 2012 fejn Dr. Kathleen Grima ghar-rikorrenti iddikjarat li l-kwistjoni odjerna tikkoncerna l-Artikolu 49 tal-Kapitolu 418 waqt li Dr. Francelle Saliba sostniet l-oggezzjoni taghha hija imsejsa fuq l-Artikolu 466 tal-Kapitolu 12, kif ukoll fuq l-Att 12 tas-sena 2010.

Rat ix-xhieda ta' **Ivan Borg** rapprezentant tal-MCA moghtija nhar l-4 ta' April 2013 u dan fil-kapacita' tieghu ta' Frequent Investigation Technician mal-Malta Communications Authority. Huwa qal li fejn jahdem hu u cioe' l-Malta Communciations Authority, fejn ilu jahdem mis-sena 2005, illum hija responsabbli mir-Radio Telecommunications Licenses u stqarr li qabel tali licenzji kienu jaqghu that il-Wireless Telegraphy Department. Qal li pero' ghal din l-ahhar sena sena u nofs il-hlas ta' tali licenzji saru maghhom. Stqarr li fil-fatt, hija l-Awtorita' li hija responsabbli ghall-hrug ta' tali licenzji u fuqhom isiru kontrolli necessarji. Dwar meta giet revokata il-licenzja mertu tal-kawza pero' ma kien jaf xejn.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti Patrick Xuerebipprezentata fir-Registru ta' din il-Qorti nhar l-24 ta' April 2013 (fol. 35) u dik responsiva ta' l-intimat

prezentata fir-Registru ta’ din il-Qorti nhar it-30 ta’ April 2013 (fol. 43).

Rat illi fis-seduta tat-22 ta’ Mejju 2013 l-partijiet awtorizzaw lil Qorti tghaddi ghas-sentenza taghha.

Ikkunsidrat.

Illi f’din il-kawza r-rikorrenti qieghed jaghmel azzjoni bl-isperanzna li ma jhallasx l-allegat debitu tieghu mad-Direttur ghas-Servizzi Korporattivi, Ministeru ghall-Infrastruttura, Trasport u Kommunikazzjoni u dan ghaliex ir-rikorrenti fil-fatt b’din il-procedura qed jopponi it-talba li l-intimat ghamel permezz ta’ ittra ufficcjali prezentata nhar it-18 ta’ Settembru 2012 ai termini tal-Artikolu 466 tal-Kap 12 numru 2421/2012 u dan ghal diversi ragunijiet li ser jigu spejgati f’aktar dettal aktar ’l isfel.

Illi fl-ewwel lok ir-rikorrenti isostni li l-intimat ma messux agixxa skond id-disposizzjoni tal-Artikolu 466 tal-Kap .12 izda skond l-Artikolu 49 tal-Kap 418 u dan a bazi tal-principju legali li *lex specjalis non derogat generalis*. L-intimat pero’ ma jaqbilx ma din il-premessa u dan ghaliex jiddikjara li l-ittra ufficcjali mertu tal-kawza nurmu 2421/2012 ma saritx mill-Awtorita’ ta’ Malta dwar il-Komunikazzjoni a tenur tal-Kap 418 imma qed issir mill-intimat odjern Direttur ghas-Servizzi Korporattivi, Ministeru ghall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni skond l-Artikolu 466 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Jinghad li l-**Artikolu 49 tal-Kapitolu 418** tal-Ligijiet ta’ Malta jipprovdi is-segwenti:-

(1) “*Meta l-Awtorità tkun trid tħarrek biex tirkupra dejn dovut lill-Awtorità taħt xi liġi li hija jkollha jedd tinforza dwar xi ħlas ta’ xi liċenza jew awtorizzazzjoni jew xi ħlas ieħor jew dritt bħal dak hekk kif ikun imsejjaħ u li jista’ jkun dovut, iċ-Chairman, id-Direttur Ġenerali jew kull uffiċjal ieħor tal-Awtorità awtorizzat kif imiss mill-Awtorità biex jaġixxi f’isimha jista’ jagħmel dikjarazzjoni bil-ġurament quddiem ir-reġistratur, imħallef jew maġistrat fejn huwa*

*jiddikjara xi tkun ix-xorta tad-dejn u l-isem tad-debitur u jikkonferma li dan ikun dovut".*

Minn qari tal-preliminari ta' dan il-kapitolu imsejjah "**Taqsima 1 preliminari"** jirrizulta li l-Awtorita' li jitkellem dwaru dan l-kapitolu hija l-Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni. Issa jidher minnufih li t-talba odjerna mhix qed issir minn din l-Awtorita' izda mid-Direttur ghas-Servizzi Korporattivi fil-Ministeru ghall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni.

Illi jsegwi ghalhekk li l-ligi li tirregola l-gbir ta' dan id-debitu hija dik naxxenti mill-Att dwar ir-Radjokomunikazzjoni Kap 49 (il-ligi imhasra) li tipprovdi li d-debiti ghandhom jibqghu jingabru daqslikieku dovut taht l-Att li jirregola Komunikazzjonijiet Elettronici Kap 399 (il-ligi il-gdida). Issa jirrizulta li l-intimat meta ipprezenta l-ittra ufficcjali tieghu kien qed jagixxi bis-sahha ta' Att XII 2010 u s-sub-artikolu tal-artikolu 2 jipprovdi is-segwenti:

*"Kull licenzja jew awtorizazzjoni tkun kif tkun deskritta mahruga jew li tkun tapplika taht l-Att dwar il-Komunikazzjoni, qabel id-dhul fis-sehh ta' dan l-artikolu, jibqa' jkollha effett kif hemm fid-disposizzjonijiet li japplikaw tat-Taqsima IV ta' l-Att biex jirregola l-Komunikazzjonijiet Elettronici (Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta' Malta). Izda kull dritt ikun kif ikun deskritt dwar xi licenzja jew awtorizzazzjoni mahruga kif hemm fl-Att dwar ir-Radjokomunikazzjoni, qabel id-dhul fis-sehh ta' dan l-artikolu ghandu jkun jista' jibqa' jingabar wara d-dhul fis-sehh ta' dan l-artikolu bhallikieku kien dovut kif hemm fid-disposizjonijiet li japplikaw tat-Taqsima IV ta' L-Att biex jirregola l-Komunikazzjonijiet Elettronici."*

Illi ghalhekk jidher bic-car li l-intimat agixxa taht din id-disposizzjoni meta ipprezenta l-ittra ufficcjali tieghu li qed tigi kontestata bil-prezenti proceduri  Jinghad ghalhekk li skond  l-**Artikolu 466 tal-kap 12** ir-rikorrent ipprevalixxa minn din id-disposizzjoni li tipprovdi is-segwenti:

"*Meta kap ta' dipartiment tal-gvern jew il-persuna vestita bir-rappreżentanza legali ta' korp magħqud stabbilit bil-liġi*

*jew b'rappreżentanza legali ta' xi kumpannija jew korp ieħor li jkun hekk awtorizzat, bi jew taħt kull liġi, sabiex jiġbor kull ammont dovut lil dipartiment tal-gvern jew lil korp magħqud stabbilit bil-liġi, ikun irid jaġixxi sabiex jinġabar lura dejn dovut lil dipartiment tal-gvern jew lil xi uffiċċju amministrattiv tiegħu jew lil korp magħqud stabbilit billiġi, dwar kull servizz, provvista, penali, kera, ċens, piżijiet oħra fuq beni, kumpens għall-okkupazzjoni u jew għal dritt ta' xi liċenza jew dritt jew taxxa oħra dovuti, huwa jista' jagħmel dikjarazzjoni tiegħu maħlufa quddiem ir-reġistratur, imħallef jew maġistrat li fiha huwa għandu jiddikjara xi tkun ix-xorta tad-debitu u l-isem tad-debitur u jikkonferma li dak id-debitu jkun dovut*."

Jidher ghalhekk li l-Artikolu 466 huwa mezz eccezzjonali applikabbli ghal kapijiet ta' Dipartimenti tal-Gvern u ohrajn specifikati fl-Artikolu u dan sabiex l-amministrazzjoni tal-Gvern ta' Malta, tkun tista' permezz ta' din il-procedura eccezzjonali, tigbor il-krediti dovuti lilu billi l-kap tad-Dipartiment jikkonferma bil-gurament li l-kreditu huwa dovut.

Illi ghalhekk l-ewwel eccezzjoni sollevata mir-rikorrenti odjern qed tigi michuda.

Fit-tieni lok ir-rikorrenti jsostni li l-intimat m'hu intitolat ghal ebda hlas ghaliex l-imsemmija licenzja ghalqet fil-31 ta' Lulju 2002 u ghalhekk il-pretensjoni tal-intimat li jitlob hlas ghas-snin bejn 2003 sa 2012 hija infondata fil-fatt u fid-dritt  u dan ghaliex f'dawn l-istess snin u cioe bejn 2003 u 2012, ir-rikorrent ma kellu l-ebda licenzja.

Dwar din l-asserzjoni l-intimat ma jaqbilx u jiccita ghal konfort tieghu dak li jipprovdi l-Artikolu 2 (3) ta' l-Att XII, 2010 li jiddisponi s-segwenti:

"*Minkejja id-disposizzjonijiet l-ohra ta' dan l-artikolu, l-Att dwar ir-Radjokomunikazjoni ghandu jibqa' fis-sehh ghall-fini ta' kull procediment mibdi jew li ghad irid jinbeda dwar kull ksur ta' dak l-Att jew ta' kull regolament maghmulin tahtu meta jidhol fis-sehh dan l-artikolu*" u jghid li kien

ghalhekk li pproceda bil-prezentata tal-ittra ufficjali skond l-Artikolu 466 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti taghmel referenza ghall-ittra esebita fl-atti a fol. 12 immarkata bhala Dok A mibghuta minn Paul E. Micallef bhala Legal Advisor tal-Malta Communications Authority lir-rikorrenti odjern fejn f'din l-ittra jinghad li l-licenzja li r-rikorrent kellu WT/2520/2001 'expired' fil-31 ta' Lulju 2003 pero' tghid ukoll li minkejja dan xorta ir-rikorrenti hu obbligat li jhallas il-licenjzi ghas-snin 2003 sa 2012 u kien biss permezz ta' dik l-istess ittra datata 3 ta' Jannar 2012 (Dok A fol 12) li l-Awtorita' irrevokat il-licenzja tieghu u b'hekk irtirat kull radio frequency li setgha kellu. Is-sur Micallef f'din l-ittra izid jghid li kwalsiasi hlas ta' licenjza mhux imhalsa jibqa' pendenti u dovut. Fid-Dokument B esebit a fol. 13, l-intimat ikkjarifika kif inhu maqsum id-debitu dovut lilu.

Illi ir-rikorrenti ma xehedx f'dawn il-proceduri izda ddikjara fir-rikors promotur tieghu li r-radjos relatati mal-licenza odjerna ilhom mitlufa sa minn 2004 meta kienu allegatament qed jintuzaw fuq xoghol ta' kostruzzjoni. Jghid ukoll fir-rikors tieghu li huwa kien informa lill-Awtorita' li xtaq jittermina l-licenzja tieghu pero' prova dwar dan ma gabx u ghalhekk huwa stess b'din id-dikjarazzjoni indirettament ammetta li kien jaf li l-licenzji kienu ghadhom ma gewx revokati. Kien jispetta lilu jiehu xi affidavit fejn jikkonferma bil-gurament tieghu li r-radjos kienu intilfu u jiehu dak l-affidavit ghand l-Awtorita' sabiex il-licenzja relattiva tigi revokata, pero' jidher li minn dan ir-rikorrenti ma ghamel xejn.

Lanqas meta ircieva l-intimazzjoni ghal hlas mid-Dipartiment skond id-dokument esebit fl-atti u mmarkat bhala Dok DCS 4 ma agixxa. Kien biss meta ircieva l-ittra ufficcjali in desamina li ghogbu jikkontesta d-debitu tieghu.

Issa skond l-Artikolu citat mir-rikorrenti stess fin-nota tieghu u appuntu l-**Artikolu 28(4) tal-Kap 399** hemm stipulat li:

"*Licenzja individwali tar-radjokomunikazzjoni moghtija taht dan l-Artikolu ghandha kemm il-darba ma jkunx giet qabel revokata mill-Ministru jibqa' fis-sehh ghal dak il-perijodu li jista jigi specifikat fil-licenjza".*

Illi ghalhekk il-licenzja ma gietx revokata qabel ma r-rikorrenti ircieva din l-istess ittra Dok A datata 3 ta' Jannar 2012. Dan huwa kaz simili bhal meta konducent ta' karozza ma jhallasx il-licenjza tat-triq fuq il-vettura tieghu ghal perijodu ta' zmien u wara numru ta' snin imur sabiex jiskrapja il-vettura u jirritorna il-pjanci jew adirittura imur sabiex ihallas ir-*road license* sabiex ikun jista' jbiegh l-istess vettura u jirregistraha fuq terz, l-istess konducent ikollu ihallas il-licenzji kollha b'lura qabel dan ma jsehh. Din hija sitwazzjoni simili u ghalhekk id-dritt tal-intimat li jitlob il-hlas tal-licenzji b'lura jibqa' hemm sal-mument li l-licenjza giet revokata.

Illi fit-tielet lok ir-rikorrenti jecepixxi il-preskrizzjoni ai terminu tal-artikolu 49(5) tal-Kap 418 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi kif gie ritenut fil-kawza fl-ismijiet **"Luciano Martinelli ghan-nom u fl-interess ta' Mirage Holdings Limited vs Saviour Pisani"** (A.I.C. (PS) - 22 ta' Gunju 2005) *"mhux dubitat illi jinkombi fuq il-parti li tqajjimha li tiddentifika preskrizzjoni applikabbli. Hi gravata bl-oneru li tindividwa minn fost l-ipotesijiet varji prevvisti mil-ligi l-preskrizzjoni specifika. Dan hu indott mill-interpretazzjoni li dejjem inghata mill-gurisprudenza lill-Artikolu 2111 tal-Kodici Civili".*

Illi dan ghaliex kif intqal fis-sentenza **"Francis Bugeja nominee vs Indria Mercieca"** ( A.C. - 29 ta' Mejju 2000) *"l-eccezzjoni tal-prekrizzjoni ma tistax titqajjem mill-Qorti ex officio. Ghalhekk biex il-Qorti tikkonsidraha, jehtieg li tkun specifikata mill-eccipjent u mhux bizzejjed li leccipjent jghid li jaghti l-eccezzjoni ta' kull preskrizzjoni ohra skond il-ligi, ghax xorta ohra l-Qorti tkun qeghda tissupplixxi ghal-parti eccipjenti f'materja odjuza li fiha ma tistax tiehu inizzjattiva".*

Issa f'din il-kawza din il-Qorti gja esprimiet ruhha aktar 'l fuq illi l-Kapitolu 418 ma japplikax ghal mertu ta' dan il-kaz u ghalhekk zgur li l-perijodu preskrittiv hemm imsemmi ma japplikax ghal kaz in desamina. Illi r-rikorrenti ma semma l-ebda artikolu iehor li seta' japplika ghall-kaz in desamina u ghalhekk din l-eccezzjoni qed tigi michuda wkoll.

**Konsegwentement, din il-Qorti qieghda tichad it-talbiet rikorrenti u tilqa' l-eccezzjonijiet tal-intimat u b'hekk tiddikjara li l-opposizzjoni tar-rikorrenti ghat-talba tal-intimat kif kontenuta fl-ittra ufficcjali tieghu numru 2421/2012 hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk tordna lill-intimat jipprocedi ghall-gbir tad-debitu tieghu kif kontenut fl-istess ittra ufficcjali 2421/2012.**

**L-ispejjez ta' din il-kawza jithallsu mir-rikorrent.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------